Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 48, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Gimgha 1 ta' Mejju 2015, fil-5:30 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Horace Gauci (H.G.)<br>Steven Grech (S.G.)<br>Stephen Caruana ( S.C.)<br>Janice Chetcuti (J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 4

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku
2. Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi-Sindku
3. Diskors tas-Sindku
4. Formazzjoni tal-Kunsill għal-leġislatura
5. Għażla ta' ġurnata u hin għas-seduti tal-Kunsill
6. Affarijiet ohra

**Talba**

Is-Sa. Janice Chetcuti flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**1/01** **Accettazzjoni tal-kariga ta' Sindku**

1/01/01 **Iċ-Chairman Steven Grech** qara r-riferenza għall-artiklu 25 (1) ta' l-Att li skont dan l-artiklu is-sur Horace Gauci għandu jkun is-Sindku. Għalhekk talab lis-sur Gauci jikkonferma l-aċċettazzjoni ta' din il-kariga.

1/01/02 **Il-Kunsillier Horace Gauci** qara u ffirma il-ġurament ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr.Matthew Brincat, illi ssejjaħ għal din il-laqgħa u kien dikjarat Sindku ta' Marsaxlokk.

1/01/03 **Is-Sindku Horace Gauci** ħa postu bħala s-Sindku tas-Seba' legislature tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, u rringrazzja lill-membri kollha preżenti

**1/02** **Accettazzjoni tal-Kariga ta' Vici-Sindku**

01/02/01 **Is-Sindku Horace Gauci** qara r-riferenza għall-artiklu 25 (2) ta' l-Att liskont dan l-artiklu is-sur Steven Grech għandu jkun il-Viċi Sindku. Għalhekk talbu jikkonferma l-aċċettazzjoni ta' din il-kariga.

01/02/02 **Il-Kunsillier Steven Grech** qara u iffirma il-ġurament ta' Viċi-Sindku, fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr.Matthew Brincat, illi ssejjaħ għal din il-laqgħa u kien dikjarat Vici- Sindku ta' Marsaxlokk.

01/02/03 **Il-Viċi Sindku Steven Grech** irringrazzja lill-membri kollha preżenti.

**01/03** **Diskors tas-Sindku**

03/01/01 Nibda billi minn qalbi nirringrazzja lir-residenti kollha ta' Marsaxlokk li għoġobhom jagħtuni din il-fiduċja li nirrapreżentahomfil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk, u aktar minn hekk fil-kariga ta' Sindku. Grazzi oħra tmur lill-istess residenti, f'isimkom il-Kunsilliera kollha eletti,għall-kariga li ġiet afdata lilkom. Għandna għax inħossuna onorati li r-residenti ta' Marsaxlokk tawna din il-fiduċja. Issa sta għalina li rroddu lura din il-fiduċja f'ħidma favur l-istess residenti.

Nixtieq ukoll li llum nirringrazzja lill-kandidati kollha li kkontestaw l-elezzjoni tal-11 t'April li għadda. Ovvjament mhux kull kandidat seta' jkun elett għax il-Kunsill tagħna hu kompost minn ħames kunsilliera biss. Imma ngħid grazzi minn qalbi lill-kandidati kollha talli offrew il-kontribut tagħhom sabiex kellna elezzjoni demokratika.

Xtaqt ukoll insellem lil tliet persuni li llum ma għadhomx kunsilliera fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. Insellem l-ewwel lis-Sur Carmelo Bugeja li għal 16-il sena serva bħala Kunsillier, Viċi-Sindku u ankè Sindku fil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. Lis-Sur Bugeja nirringrazzjawh għall-ħin kollu li kien iqatta' fil-bini tal-Kunsill jilqa' l-ilmenti tar-residenti. Insellem ukoll lill-Perit Edric Micallef li għal 14-il sena konsekuttiva kien Sindku jew Viċi-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Maraxlokk. Lis-Sur Micallef nirringrazzjawh b'mod partikolari tax-xogħol siewi li kien iwettaq bħala perit, liema xogħol kien tassew utli fil-ħidma tal-istess Kunsill. Insellem ukoll lil Dr Angelo Micallef li serva fil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk fil-leġislatura preċedenti u li l-kontribut tiegħu għandu jkun apprezzat ukoll.

Dan il-Kunsill ġie elett għal terminu ta' erba' snin u allura, komparat ma' termini oħra, għandu quddiemużmien tajjeb għal ħidma b'risq ir-raħal.Kull Kunsiller se jkun qed jiġi afdat b'dekasteri partikolari. Biss tajjeb inżommu f'moħħna li kull wieħed u waħda minna dejjem irridu nġorru r-responsabbiltà ta' kull deċiżjoni li naqblu dwarha b'mod kollettiv.Fl-istess waqt għandna nkunu dejjem ta' sostenn għall-kumplament ta' sħabna l-Kunsilliera. Ħadd, inkluż jien, m'għandu jaħseb li huwa akbar jew aqwa minn ħaddieħor. Irridu nkunu umli biżżejjed li naċċettaw u nirrispettaw il-limitazzjonijiet u d-difetti tagħna u nifhmu li perfetti m'aħniex.Madanakollu rridu nemmnu li fejn hemm ir-rieda hemm l-għaqda, u fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa.

B'dan il-ħsieb, nixtieq li l-ħidma tagħna fil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk għal dawn l-erba' snin li ġejjin tkun iggwidata minn dawn it-tliet prinċipji:

1. **Li nkunutrasparenti f'kull ħidma tagħna.**
   Illum, aktar minn qatt qabel, ma għandux ikun hemm lok għal nepotiżmu jew kapriċċi personali. Irridu naħdmu biss għall-ġid ta' Marsaxlokk! Ejjew inħallu l-interessi personali tagħna fil-ġenb u naħdmu bla heda flimkien għall-ġid komuni biex nwasslu lil Marsaxlokk fil-post li nixtiequh li jkun. Ma għandna xejn anqas minn ħaddieħor u għalhekk nemmen u nsostni li bil-ħidma ta' kull wieħed u waħda minna nistgħu tabilħaqq nagħmlu d-differenza u nirnexxu bħal kull lokalità oħra f'Malta u f'Għawdex. Ħadd ma għandu għalfejn jagħmel jew jgħid xejn minn wara dahar ħadd. Aħna tim wieħed u rridu dejjem nitkellmu u naħdmu bħala tim wieħed.

2. **Li nkunu miftuħa għal kull konsultazzjoni, ilment u suġġeriment.**
   Ma rridux naħsbu li nafu kollox u nifhmu f'kollox. Jeħtieġ li nisimgħu kull ilment u suġġeriment li jersaq quddiemna. B'wiċċi minn quddiem ngħid li bħala Kunsilliera għandna esperjenza minn kull qasam u għalhekk, it-talenti li kull wieħed u waħda minna nġorru għandhom jingħaqdu flimkien u b'sinerġija ġdida naħdmu għal dan ir-raħal.Inħeġġeġ ukoll għal konsultazzjoni wiesa biex verament dejjem naslu għal deċiżjonijiet ta' kwalità.B'dan il-ħsieb, inħeġġeġ biex minn issa nibdew naħsbu fis-Sotto Kumitati li nistgħu nlaqqgħu biex verament inkunu miftuħa għar-residenti tagħna u b'hekk ninvolvu lir-residenti direttament fil-ħidma ta' dan il-Kunsill. Waħedna biss ma nistgħux naslu. Ejjew inkunu mexxejja denji, b'viżjoni ċara u b'determinazzjoni li flimkien nistgħu tabilħaqq nagħmlu minn Marsaxlokk raħal mill-aqwa.

3. **Li nkunu dixxiplinati u ta' eżempju.**
   Qabel xejn irridu nkunu aħna li nagħtu eżempju tajjeb, kemm bħala Kunsilliera u wisq aktar bħala Kunsill Lokali. Il-liġi qiegħda hemm għal kulħadd u ħadd mhu akbar mill-liġi. Ejjew ma nibżgħux nieħdu d-deċiżjonijiet li għandna nieħdu, basta jkunu dejjem fl-interess tar-raħal tagħna.Wara kollox irridu li naħdmu dejjem bla ebda biża' jew favur!Biex nilħqu dan l-għan, minn issa nħeġġeġ lill-ħaddiema kollha u lill-impjegati kollha tal-Kunsill jaħdmu id f'id magħna, u aħna id f'id magħhom.B'hekk inkunu verament tim wieħed magħqud. Ninsab konvint li llum qed nindirizza nies tal-affari tagħhom u li lesti jaħdmu b'risq dan ir-raħal tagħna. Minn issa nirringrazzja lil kulħadd tal-koperazzjoni li se nkunu qed noffru lil xulxin; kemm Kunsilliera, impjegati u ankè ħaddiema tal-Kunsill!

**01/04 <u>Formazzjoni tal-Kunsill għal-leġislatura</u>**

01/04/01 Għalhekk, biex il-ħidma tagħna tkun imqassma bejn kulħadd u, biex kull Kunsillier ikollu taqsimiet ta' ħidma, jien jidhirli li l-formazzjoni tal-Kunsill għal din is-Seba' Leġislatura għandha tkun kif ġej.

**Horace Gauci** – se nkun responsabbli minn:

- Relazzjonijiet mal-Gvern Ċentrali
- Kumitat tar-Reġjuni
- Fondi u Programmi Ewropej
- Pulizija u Ġustizzja
- Infrastruttura
- *Bye-Laws*
- Ħaddiema tal-Kunsill (b'kollaborazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv).

**Steven Grech** – se jkun responsabbli minn:

- Saħħa
- *Traffic management*
- *Soft areas* u Ġonna pubbliċi
- Indafa pubblika
- Relazzjonijiet mal-Entitajiet Kummerċjali
- Konsultazzjoni dwar Xatt is-Sajjieda

**Stephen Caruana** – se jkun responsabbli minn:

- Sajd
- Attivitajiet soċjali
- Persuni bi bżonnijiet speċjali
- *Street lighting*
- Latrini pubbliċi

**Daniel Zerafa** – se jkun responsabbli minn:

- Żgħażagħ
- Kultura
- Turiżmu
- *Customer Care*

**Janice Chetcuti** – se tkun responsabbli minn:

- Edukazzjoni
- Ambjent
- Sports
- Familja u Anzjani

Infakkar li finalment id-dekasteri huma ta' kulħadd u għalhekk ilkoll irridu ngħinu lil xulxin b'kull mod possibli. Ninsab konvint li se twettqu l-almu kollu tagħkom biex verament nirnexxu u nimxu 'l quddiem. Ejjewinkunu kuraġġjużi u nħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu kbir.

| | |
|---|---|
| **01/05** | **Ghazla ta' gurnata u hin ghas-seduti tal-Kunsill Lokali** |
| 01/05/01 | Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsilliera prezenti sabiex jidentifikaw gurnata u hin ghas-seduti tal-Kunsill Lokali hekk kif legalment mitlub. Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi s-seduti tal-Kunsill Lokali kellhom jinzammu nhar ta' Hamis fil-5:00p.m. |
| **01/06** | **Affarijiet Ohra** |
| 01/06/01 | *Dghajjes u karrijiet minghajr permess*<br>Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu b'mod imminenti jiehu hsieb il-problema ta' diversi dghajjes u karrijiet li kienu mituqa madwar Marsaxlokk minghajr permess b'mod partikolari fiz-zona maghrufa bhala il-Maghluq li kienet tintuza ghall-ghawm matul ix-xhur tas-sajf.<br>Wara diskussjoni libera dwar il-materja, kien hemm qbil illi kellha tinzamm laqgha mal-ispettur Melvyn Camilleri sabiex jigu evalwati eventwali passi li setghu jittiehdu. Fl-istess waqt kellu jitwahhal avviz mal-oggetti ta' ingombru li kienu mitluqa minghajr permess u jigu infurmati il-koperativi tas-sajjieda u d-dipartiment tas-sajd bl-opri tal-bahar u karrijiet li kienu qieghdin jikkostitwixxu irregolarita'. |
| 0106/02 | *Skema ta' restawr ta' binjiet storici*<br>Is-Sur Daniel Zerafa staqsa jekk il-Kunsill Lokali kienx beda jahdem fuq skema ta' restawr ta' binijet storici li kienet giet imhabbra mill-Gvern Centrali.Wara li s-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien ghadu ma irecviex l-informazzjoni relevanti dwar il-materja, kien hemm qbil illi kellha tintbaghat korrispondenza lill-Onor. Ministru Dr.Owen Bonnici sabiex jinkisbu aktar dettalji dwar it-tema |
| | **Aġġornament** |
| | Is-Seduta spiccat fis-7:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar il-15 ta' Mejju 2015 fil-5:30p.m. |

Horace Gauci
Sindku

Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv

Data: 15/05/2015